# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta’ Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

**vs.**

**Nguyen Thien Thuan**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati:

**Nguyen Thien Thuan 47 sena, iben Nguyen Tien Tuc u Nguyen Thi Yen imwieled Vietnam fl-06/06/1976, residenti l-Finlandja u detentur tal-passaport Vietnamiż numerat C9125570.**

**<u>Akkuzati talli:</u>**

*Fis 26 t’Awissu 2023 fil-jiem u/jew fix-xhur ta’ qabel f’dawn il- Gzejjer ta’ Malta, għenn jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f’Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta’ dak l-istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, li tkun qieghda f’malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att bi ksur*

*artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32 (1) (a) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-vettura tat-tip Citroen Sunlight V66 bin-numru ta' registrazzjoni 6L3 8460 registrat gewwa Reppublika Ceka. Artikolu 23 Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*3. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok CA5), Boarding Pass (Dok CA 3), Stqarrija tal-imputat (Dok CA4) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum 27 ta' Awwissu 2023, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni ta' htija tieghu anke wara li l-Qorti tatu aktar zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jikkonsulta ruhu mill-gdid mal-avukat tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat kif verbalizzat waqt l-udjenza.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tiehu u l-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet waqt l-udjenza dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Nguyen Thien Thuan** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena

ta’ tnax il-xahar (12) priġunerija u multa ta’ hamest elef Ewro (€5,000) liema multa ghandha tithallas f’pagamenti mensili ininterrotti ta’ sitt mija u hamsa u ghoxin Ewro (€625) fi zmien tminn (8) xhur. In oltre b’applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti* ossia tal-vettura tat-tip Citroen Sunlight V66 bin-numru ta’ registrazzjoni 6L3 8460 registrat gewwa Reppublika Ceka esebita f’dawn l-atti.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f’każ ta’ ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta’ Awwissu 2023**